MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru 471/2009

Il-Pulizija
(Spettur Martin Sammut)
Vs.
Anna-Catherine Francoise Vilma Scorset

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputata ta’ karta ta’ identita’ Taljana numru ZZ0052185 li hija akkuzata talli:

1. f’dawn il-Gzejjer, nhar il-14 ta’ Mejju 2009, ghal habta ta’ 00.30hrs, gewwa San Giljan ikkomettiet serq ta’ mitejn u sittin Ewro (€260) fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Roanna Mallia, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur;
2. instabet fis-sakra, b’mod li ma setghetx tiehu hsieb taghha innifisha, gewwa post pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-akkuzata tammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insistiet anka wara li l-Qorti taghtha zmien tirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma s-serq aggravat bil-hin u valur u s-sokor fil-pubbliku li hi offiza kontravenzjonali. L-akkuzata irregistrat ammissjoni li hi wahda volontarja u inkondizjonata. Jirrizulta li l-ammont konsistenti fis-somma ta’ €260 gew ritornati.

Mehud kollox in konsiderazzjoni l-Qorti tiddeciedi l-kawza fuq l-ammissjoni tal-akkuzata billi tilliberha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li l-akkuzata ma taghmilx reat iehor zmien xahar mil-lum wara li rat l-Artikolu 261(c)(f).

Fehmet lill-akkuzata b’lingwa li tifhem responsabbiltajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------